# proġett OĦLOQ GĦADIRA

In-numru ta' għadajjar naturali f'Malta huwa żgħir ferm u minħabba f'hekk l-interess f'dan it-tip ta' ambjent u fil-ħlejjaq kollha li jgħixu fih huwa fqir ħafna. B'dan il-proġett nixtiequ minkuraġġixxu lit-tfal u forsi wkoll lil kbar, biex joħolqu huma stess ambjent ta' għadira fil-ġnien tad-dar jew forsi fil-bitħa ta' l-iskola tagħhom. B'hekk nisperaw li jikber l-interess f'dan l-ambjent permezz ta' l-osservazzjoni tal-ħlejjaq li jgħixu fih.

Hawn bosta skejjel li m'għandhomx vaska jew għadira fil-ġnien jew fil-bitħa. L-istudenti, li f'ċerti każi jistgħu jużaw il-kapaċita' tagħhom, flimkien ma' xi għalliema jistgħu jwettqu dan il-proġett. F'xi skejjel dan hu possibli li jsir minħabba li l-post huwa adattat ħafna. Iżda f'oħrajn ikun hemm bżonn isir xi tibdil fl-istruttura u għalhekk jenħtieġ aktar xogħol.




A

## DAQS U GĦAMLA

Il-vaska tista' tkun banju tal-ħasil qadim tal-persuna, jew akbar ferm, iżda dan jiddependi skond l-ispazju u l-mezzi. Jekk il-vaska tkun żgħira ħafna hemm ċans li fis-sajf tisħon ħafna u tinxef. Għal-hekk aktar ma tkun fonda aktar aħjar. Jekk il-fond ikun ta' 0.75 metri jkun biżżejjed, iżda dan jiddependi mill-post fejn tkun se ssir il-vaska. Tajjeb wkoll li jkun hemm xi naħa aktar baxxa b'mod speċjali fil-ġnub.

## IL-KISI TAL-VASKA

☐ Il-konkos huwa b'saħħtu ħafna iżda fih ħafna xogħol. Jekk jintuża' l-konkos importanti ħafna li l-wiċċ ta' ġewwa jinżebaħ bil-ħalib tas-siment. Huwa mpor-tanti li wara li dan jintela bl-ilma, wara xi ġranet jerġa' jitbattal. Din il-proċedura tirrepeti ruħha darbtejn biex żgur il-vaska titlaħlaħ sewwa.




B






Ċ

☐ Il-fibre glass huwa b'saħħtu wkoll iżda dan ġereralment jintuża għal vaski żgħar.

☐ Il-kisi bil-plastik sheets suwed huwa faċli biex tpoġġih iżda jista' jittaq-qab faċilment. Biss jekk wieħed joqgħod attent dan il-plastik jista' jservi minn għaxra sa tmintax-il sena. Dan jista' jintuża jekk il-vaska ssir f'ħofra fil-ħamrija. Tajjeb li f'dan il-każ jitneħħa ġebel kbir u bil-ponta biex jitnaqqas iċ-ċans li jittaqqab il-plastik. Biex issir sodda lixxa għal plastik, wieħed jista' jiksi l-qiegħ bil-gazzetti jew ħamrija fina mgħarbula mill-ħamrija li tneħħiet għall-ħofra. Importanti li d-daqs tal-plastik ikun akbar mhux ħażin mit-tul u l-wisgħa tal-ħofra minħabba li l-plastik jistrieħ bil-piż tal-ilma. Tajjeb ukoll li t-truf tal-plastik ikunu miksija biex wieħed jevita li jinħarqu bix-xemx jew jiċċartu. Dan jista' jsir billi fuq ix-xifer tal-plastik jitpoġġew xi ġebliet imbagħad kollox jinkesa bil-ħamrija jew ċagħaq. (Ara disinn A)

☐ Tip ta' vaska oħra tista' ssir biċ-ċnagan. F'dan il-każ il-vaska trid tinbena fuq pedament sod bħal blat jew konkos. Importanti ħafna li ssir kisja tajba tas-siment u **sealer** u mbagħad dan jinżebaħ bil-ħalib tas-siment. Din il-vaska ma tridx tkun għolja aktar minn żewġ filati inkella l-effett ta' l-ilma jintilef. Iċ-ċnagan jistgħu jintużaw bħala qafas għall-plastik iswed. Ix-xfar tal-plastik ikunu mdendlin maċ-ċnagan u miksija b'xi ġebel, ħamrija jew qsari. (Ara disinni B u Ċ).

'Il quddiem nitkellmu dwar il-ħlejjaq li jgħixu fl-ilma. Wieħed jista' jitgħallem ħafna jekk joqgħod josserva l-ħajja li titrabba fl-għadira li nkunu għamilna bħala proġett.

MICHAEL GRIMA.